

B'mod partikolari, il-konvenuta naqset milli tiddefinixxi korrettement is-suq. Barra minn hekk, din ibbażat l-evalwazzjoni tal-effetti tat-tranżazzjoni fuq marġni ta' diskrezzjonalità żbaljata u evalwat b'mod żbaljat l-inċentivi ta' RWE li jirriżultaw mit-tranżazzjoni biex iżżomm deliberatament il-kapaċità ta' ġenerazzjoni. F'dan ir-rigward, il-konvenuta waslet għall-konklużjoni żbaljata li tgħid li l-konċentrazzjoni, minn naħa, tista' tiġi eżaminata separatament u, min-naħa l-oħra, ma għandhiex effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni fil-Komunità.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2020 – enercity vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-321/20)

(2020/C 247/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: enercity AG (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Schalast, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-26 ta' Frar 2019, fil-Każ M.8871;
- tgħaqqad il-proċeduri fis-sens tal-Artikolu 68(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali mar-rikorsi ppreżentati fir-rigward tal-istess deċiżjoni fil-Każ M.8871, minħabba l-konnessjoni sostanzjali tagħhom għall-finijiet, kumulattivament, tas-sentenza;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq żewġ motivi, li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-Kawża T-320/20, Mainova vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2020 – Stadtwerke Frankfurt am Main vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-322/20)

(2020/C 247/54)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Stadtwerke Frankfurt am Main Holding GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Schalast, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-26 ta' Frar 2019, fil-Każ M.8871;

- tgħaqquad il-proċeduri fis-sens tal-Artikolu 68(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali mar-rikorsi ppreżentati fir-rigward tal-istess deċiżjoni fil-Każ M.8871, minħabba l-konnessjoni sostanzjali tagħhom għall-finijiet, kumulattivament, tas-sentenza;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq żewġ motivi, li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-Kawża T-320/20, *Mainova vs Il-Kummissjoni*.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2020 – Yongkang Kugoo Technology vs EUIPO – Ford Motor Company (kugoo)

(Kawża T-324/20)

(2020/C 247/55)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Yongkang Kugoo Technology Co. Ltd (Yongkang, iċ-Ċina) (rappreżentant: P. Pérot, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Ford Motor Company (Dearborn, Michigan, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea kugoo – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 007 741

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 65/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-oppożizzjoni tal-parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell u tilqa' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea kugoo Nru 17 007 741
- tikkundanna lill-parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, flimkien mat-taxxi u l-ispejjeż l-oħra sostnuti mir-rikorrenti quddiem l-EUIPO u l-Qorti Ġenerali.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-